# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 31 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali: 37/2019MH**

**Numru:**

**Olena Caruana Verbystka**

**Vs**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2019[1] ġiet imsejħa fil-kawża ex uffiċio Catherine Imperia Caruana.**

Il-Qorti,

[1] Folio 26

Rat **ir-rikors promotur** fejn ġie premessi s-segwenti

*Illi bis-sahha ta' sentenza ta' separazzjoni personali moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-5 ta' Frar 2015, li giet ikkonfermata fl-istadju tal-appell fl-24 ta' Gunju 2016, ir-rikorrenti nghatat zmien ta' sena biex tibqa' tirrjesjedi fl-appartament Regent Place, Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, u f'gheluq is-sena tivvaka I-appartament sabiex dan jinbiegh;*

*Illi omm zewgha, certa Catherine Imperia Caruana, dejjem riedet li dak li jippossjedi binha jsir taghha;*

*Illi dawn is-sentenzi nghataw fuq bazi ta' xiehda falza u soppressjoni ta' evidenza da parti ta' omm I-attur, jigifieri ta' Catherine Imperia Caruana, li I-ghan taghha kien li jirnexxilha ggib taht il-kontroll taghha l-appartament hawn fuq imsemmi, u dan minkejja Ii dan inxtara matul iz-zwieg u ghalhekk jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi Catherine Imperia Caruana nnegat li binha kien marid mentalment minn qabel ma zzewweg lir-rikorrenti u addirittura hbiet il-marda mentali li kienet taffetta lil binha Paul Caruana - marda mentali li kienet ukoll iggeghlu jkun vjolenti versu r-rikorrenti. Kif gie ccertifikat mill-Konsulent Psikjatra Dr David Cassar, Paul Caruana "suffers from a chronic and marked psychiatric disorder which over many years and previously without appropriate treatment, has been a cause of considerable challenges both to him and for his workplace;"*

*Illi barra minn hekk, il-Psikjatri xehdu illi: "This illness manifests itself in potential abnormal beliefs when one COU/d develop what we could call overvalued ideas with reference or overvalued ideas, persecution or delusional thought or reference of persecution, and one also may develop hallucinations," Hemm hafna iktar materjal mediku li gie zvelat wara;*

*Illi b'rizultat tat-testment tar Paul Caruana tas-6 ta' Novembru 2012 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, ommu giet mahtura bhala eredi universali ta' gidu. Is-sentenza fil-kawza ta' separazzjoni Numru 150/2010 RGM nghatat fl-ewwel istanza fil-5 ta' Frar 2015 u fl-appell fl-24 ta' Gunju 2016 (SC-TM-JA)*

*Illi fl-24 ta' Awwissu 2015, kien miet Paul Caruana, ir-ragel tar-rikorrenti, u ommu Catherine Imperia Caruana kisbet il-kontroll ta' gidu kollu, kif kienet dejjem ippruvat taghmel anke permezz ta' xiehda falza u habi u soppressjoni ta' provi;*

*Illi dawn il-provi ampji issa jinsabu migbura fil-kawza numru 1064/2016 LM Ii hija azzjoni ta' impunjazzjoni tat-testment tas-6 ta' Novembru 2012, li fiha*

*xehdu diversi Konsulenti Psikjatri, fosthom Dr David Cassar, Dr George Debono u ohrajn. Ir-rikorrenti qieghda tikkontesta I-validita' ta' dan I-ahhar testment ghaliex issostni li ma kienx wiehed validu u skont il-ligi u ghalhekk ghandu japplika fil-konfront tal-eredita' ta' zewgha t-testment li sar qablu, jigifieri t-testment tal-10 ta' Novembru 2010 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono;*

*Illi bizzejjed jinghad illi I-Qorti tal-Appell stess fil-kawza ta' annullament Numru 298/2007, deciza fid-29 ta' Mejju 2009, ikkonstatat illi Paul Caruana kien ammetta fit-kontroezami tieghu illi d-decizjoni li ssir il-kawza biex jigi annullat iz-zwieg tieghu giet mehuda mill-genituri tieghu u ma kienx hu li hadha:*

*"I didn't start the annulment proceedings myself, but it seems the only way, I don't know .... I didn't start the annulment proceedings myself; it was my parents who started the annulment proceedings and I had second thoughts because I don't think it will work out; "*

*Illi I-istess Catherine Imperia Caruana talbet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament kontra r-rikottenti sabiex titfaghha 'l barra minn dar li hija komproprjetarja taghha, liema talba giet milqugha u r-rikorrenti giet avzata mill-Marixxall tal-Qorti biex tivvaka fi zmien tmint ijiem min-notifika;*

*Illi minkejja Ii I-appelli interposti mir-rikorrenti gew michuda seriatim-darba minnhom anki billi gew anke trasposti r-regoli tal-procedura civili (artikolu 229 tal-Kap 12) ghall-kawza kostituzzjonali li hija min-natura taghha proced-iment flessibbli u inqas rigidu, kif dejjem kien mahsub li jkun - ir-rikorrenti tistaqsi jekk, bir-rispett dovut, jaghmilx sens illi hija tigi zgumbrata mid-dar taghha li hija komproprjetarja taghha u illi l-istess appartament jinbiegh, meta ghad hemm pendenti:*

1) *kawza ta' impunjazzjoni ta' testment ta' zewgha;*
2) *allegazzjoni ta' xiehda u provi foloz fil-kawza civili li fiha gie deciz l-izgumbrament taghha mid-dar li hija komproprjetarja taghha; u*
3) *allegazzjoni ta' sopressjoni ta' provi genwini fl-istess kawza civili?*

*Illi bl-ikbar rispett, tant dan ma jaghmilx sens u huwa ta' pregudizzju irrimedjabbli ghar-rikorrenti odjerna illi, fil-proceduri kostituzzjonali li jgibu r-riferenza Rikors Kostituzzjonali Numru 97/2017 MH, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) kienet Iaqghet it-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja. Izda gara li sussegwentement l-intimat Avukat Generali talab ir-revoka 'contrario imperio' tal-provvediment dwar il-hrug ta' mizura provvizorja u dan gie mhassar;*

*Illi dan sehh ghaliex fil-proceduri Kostituzzjonali lokali, it-talbiet ghall-hrug ta' mizuri provvizorji domestici qeghdin erronejament jigu mxebbha ma' interim measures taht l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-*

*Bniedem, li hija supranational court u mhux qorti nazzjonali. Konsegwentement qed isir xebh, zbaljat, ma' kazijiet ta' tortura, biza ta' persekuzzjoni u kazijiet ta' estradizzjoni. Dan meta huwa obbligu tal-qrati nazzjonalj li jipprevjenu u jwaqqfu milli ssir, x'aktarx issir jew tkompli ssir vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*Illi l-artikolu 811 tal-Kap 12 stess jippermetti s-smigh mill-gdid ta' kawza civili kemm-il darba jirrizulta li l-ezitu nkiseb bil-produzzjoni ta' provi foloz. Dan gara wkoll fil-kaz "**Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et**", fejn, proprju minhabba provi foloz, is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali gew it-tnejn imhassrin;*

*Illi r-rikorrenti qieghda tezamina l-possibilita' li tipprezenta **kwerela lill Kummissarju tal-Pulizija** dwar xiehda falza moghtija minn Catherine Imperia Caruana fil-kawza civili li fiha r-rikorrenti giet ikkundannata biex tizgombra mill-appartament li tieghu hija komproprjetarja, kif ukoll dwar soppressjoni ta' provi ezistenti;*

*Illi r-rikorrenti qieghda tikkontesta l-jedd tal-Qorti fil-kawza ta' separazzjoni li tordna l-bejgh tal-appartament kontra l-volonta' tar-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma tridx tbiegh sehemha izda trid tkompli tabita fid-dar taghha. Ir-rikorrenti tikkontendi illi dan jammonta ghal vjolazzjoni **tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem**;*

*Illi dak li qed jigi tentat minn Catherine Imperia Caruana huwa li, b'rizultat ta' xiehda u provi foloz, ir-rikorrenti tigi zgumbrata minn issa, minghajr ma ghandha post iehor fejn tmur tghix, minghajr ma tigi provduta b'akkomodazzjoni xierqa alternativa, u dan bi ksur tal-jeddijiet fundamentali taghha;*

*Illi r-rikorrenti ssostni li x-xiehda falza, il-provi foloz u s-soppressjoni ta' provi genwini ezistenti jikkostitwixxi vjolazzjoni **tal-ArtikoIu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem** li jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq;*

*Illi c-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja, li wkoll jipprovdi I-harsien mix-xorta ta' azzjonijiet mehuda kemm mill-Qorti kif ukoll mill-Awtorita tad-Djar bhala istituzzjoni pubblika, f'Malta mhux qed jigi utilizzat bizzejjed. ["The analysis below is based on 70 court decisions from 27 EU Member States; for Malta, no relevant court decision was reported." - mehud minn "**EU Charter of Fundamental Rights and its use by Member States",** pagna 38, pubblikat mill-Fundamental Rights Agency]. Ghalhekk, ir-rikorrenti sejra tinvoka c-Charter of Fundamental Rights stante li I-azzjonijiet mehuda fir-rigward taghha jistghu jigu indirizzati billi jigu invokati diversi normi li jinsabu fl-istess Charter of Fundamental Rights. L-Artikolu 34 (3) tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja jiggarantixxi **d-dritt ghal akkomodazzjoni socjali;***

*Illi c-Charter of Fundamental Rights of the European Union huwa applikabbli direttament fl-lstati Membri tal-Unjoni Ewropeja (ara s-sentenza recenti fl-ismijiet "**Cecil Herbert Jones vs, Avukat Generali**" tal-15 ta' Frar 2019 (Rikors Kostituzzjonali Numru 95/2018 MH) fejn gie ritenut:*

*Illi ghalhekk, dak li hemm imdendel bhal xabla fuq ghonq ir-rikorrenti u li tinsab minaccjata bih bhalissa, jigifieri, I-izgumbrament taghha mid-dar li taghha hija komproprjetarja, u cioe' 'Regent Place', Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, u I-bejgh tal-istess dar kontra r-rieda taghha, jikkostitwixxi ksur **tal-ArtikoIu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319)** li jiggarantixxi d-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja, kif ukoll ksur **tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jiggarantixxi d-dritt ghall-intimita' tad-dar u jew proprjeta' ohra, u inoltre, ksur **tal-ArtikoIu 34 (3) tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja;***

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li titlob umilment il-hrug immedjat ta' mizura provvizorja sabiex ma jigix esegwit il-mandat ta' zgumbrament mahrug kontra r-rikorrenti fuq talba ta' Catherine Imperia Caruana kif ukoll il-bejgh tal-appartament 'Regent Place', Flat 2, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara, titlob bir-rispett illi din I-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi hija sofriet u qieghda issofri diversi vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali taghha:*

1) *sofriet u qieghda ssofri diversi vjolazzjonijiet **tal-Artikolu 6(1) talKonvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319)** li jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq, liema dritt huwa wkoll garantit ukoll taht **it-Titolu 6 (Artikolu 47) tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja,** u dan kemm fil-kawza civili kif ukoll fil-proceduri tal-mandat ta' zgumbrament;*

2) *sofriet u qieghda ssofri diversi vjolazzjonijiet **tal-ArtikoIu 8 tal-Konvenzjoni** li jiggarantixxi d-dritt ghal hajja privata u ghal hajja tal-familja u **tal-ArtikoIu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;***

3) *sofriet u qieghda ssofri vjolazzjoni **tal-Artikolu 1 tal-ProtokoII 1 tal-Konvenzjoni** dwar id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti;*

4) *sofriet u qieghda ssofri vjolazzjoni tas-**subinciz (3) tal-Artikolu 34 tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja** li jiggarantixxi d-dritt ghal akkomodazzjoni socjali, liema Charter ghandu I-istess status legali daqs kull Trattat li rratifikat Malta u huwa inforzabbli direttament f'Malta;*

*u konsegwentement –*

1) *tordna t-thassir tas-sentenzi moghtija fit-5 ta' Frar 2015 u 24 ta' Gunju 2016 fil-kawza ta' separazzjoni Numru 150/2010;*

2) *tordna t-thassir tal-mandat ta' zgumbrament hawn fuq citat;*

3) *tordna t-thassir tal-kundanna biex I-appartament li tieghu hija komproprjetarja ma jinbieghx kontra r-rieda taghha;*

4) *tordna li s-sitwazzjoni tigi ripristinata ghall-istatus quo ante ghal dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu, u dan b'rispett ghall-principju ta' 'restitutio in integrum';*

5) *tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat li **l-Avukat Ġenerali, dak iż-żmien, presenta ir-risposta** tiegħu oppositorja[2] għat-talbiet fejn intqal-:

1. *Illi qabel xejn, billi bejn l-istess partijiet ġa hemm hemm kawża kostituzzjonali oħra bin-numru ta' riferenza 97/2017MH, li hija fuq l-istess kwistjoni u b'talbiet li jixxiebħu, allura huwa xieraq li bit-tħaddim tal-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din l-Onorabbli Qorti tagħżel illi tibgħat din il-kawża biex tinstema' mill-Imħallef li qed jisma' wkoll il-kawża bin-numru ta' riferenza 97/2017;*

2. *Illi in limine litis jingħad ukoll li l-parti tal-ilment li jolqot l-**artikoli 34** u **47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** huwa inammissibbli u null skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat iżda nġieb b'rikors mhux maħluf;*

   *Tassew ma jidhirx li huwa ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem mibdija taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li m'għandhom x'jaqsmu mal-**Kostituzzjoni** jew il-**Konvenzjoni Ewropea**. Dan jidher li huwa eskluż ukoll skont ir-**regolament 3 tal-Leġislazzjoni***

[2] Folio 40

***Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni;***

3. *Illi dwar l-ilment mibni fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**, l-esponent ikollu jistqarr li huwa ma fehemx eżatt mir-rikors kostituzzjonali, kif ir-rikorrenti qegħda tgħid li s-sentenzi mogħtija fil-kawża tagħha dwar il-firda personali li kellha kontra Paul Caruana, bin-numru ta' riferenza 150/2010, ittieħdu bi ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq;*

4. *Illi għalkemm ir-rikorrenti tallega fir-rikors tagħha li s-sentenzi dwar il-firda personali tagħha ngħataw, "fuq bażi ta' xiehda falza u soppressjoni ta' evidenza", hija mkien ma fissret kif tassew dawn is-sentenzi kienu milquta b'dan l-allegat qerq. Minn qari tar-rikors kostituzzjonali, l-esponent mhux jifhem kif il-qagħda mentali ta' Paul Caruana, kellha xi rilevanza fuq kif il-qrati ċivili ddeċidew il-kawża tal-firda personali;*

5. *Illi fuq kollox, jekk kif qed tallega r-rikorrenti dawn is-sentenzi nkisbu b'qerq jew fuqi is-saħħa ta' provi foloz, allura l-ewwel rimedju tagħha kellu jkun ir-ritrattazzjoni tal-kawża dwar il-firda personali skont l-**artikolu 811(a) u (j) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u mhux ir-rimedju kostituzzjonali, li huwa suppost l-aħħar rimedju li wieħed għandu jfittex biex iwaqqa' sentenzi tal-qorti;*

6. *Illi lil hinn minn dan, ir-rikorrenti ma tistax tinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali għas-sempliċi raġuni, li skont hi, il-Qrati Ċivili żbaljaw fis-sentenzi tagħhom. Huwa magħruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-ġurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssewwi "żbalji" tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali u mhux biex tistħarreġ jekk il-qrati ordinarji ddeċidewx b'mod tajjeb it-tilwima li kellhom quddiemhom;*

7. *Illi r-rikorrenti mkien ma fissret b'liema mod ġie mkasbar lilha l-jedd ta' smigħ xieraq. Kulma għamlet ir-rikorrenti huwa li kkontestat ir-raġunijiet li waslu għall-bejgħ tad-dar matrimonjali. Fil-fehma tal-esponent tali kontestazzjoni toħroġ 'il barra mill-iskrutinju kostituzzjonali;*

*Multo magis mhux kull interpretazzjoni ħażina tal-fatti hija ksur ta' jedd fondamentali u mhux kull meta kawża tintilef minħabba interpretazzjoni jew apprezzament ħażina tal-fatti jagħti jedd illi l-meritu jkun eżaminat mill-ġdid fid-dawl tal-liġijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali. Kif spiss jingħad f'dawn l-okkażjonijiet, qorti mogħnija b'setgħat*

*kostituzzjonali/konvenzjonali m'għandhiex tiġi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilħaqq proċeduri kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat;*

8. *Illi hekk ukoll l-azzjoni kostituzzjonali m'għandhiex tintuża biex wara li jkunu ġew mitmuma l-proċeduri ċivili tinfetaħ opportunità ġdida biex dak li jkun iressaq provi ġodda jew differenti li huwa ma jkunx ressaq fil-proċeduri oriġinali;*

9. *Illi bla ħsara għal dan kollu, lanqas ma jirriżulta li l-mod ta' kif inqatgħu l-kawżi fil-firda personali sejrin jippreġudikaw il-kawża tagħha (Rik: 1064/2016) li hija fetħet għat-tħassir tat-testment ta' Paul Caruana. Il-kawża li fetħet biex jitħassar l-aħħar testment ta' Paul Caruana ma tiddependix fuq jekk ir-rikorrenti tibqax tgħix fl-appartament inkwistjoni, iżda tiddependi fuq jekk hija ġġibx provi biżżejjed tajba li juru li Paul Caruana tabilħaqq ma kienx kapaċi jagħmel dak it-testment;*

10. *Illi f'dan il-qafas l-esponenti jittama biss li l-kawża marbuta mat-tħassir tat-testment mhijiex qed tintuża bħala paraventu biex tipprova ddewwem l-okkupazzjoni illegali tagħha fl-appartament;*

11. *Illi lil hinn minn dan anke jekk jinbiegħ l-appartament ma jfissirx li l-kawża dwar it-tħassir tat-testment tiġi superfluwa. Dan għaliex jekk hija tirbaħ dik il-kawża u r-rikorrenti tiġi li kienet is-sid waħdieni tal-appartament, allura dan ikun ifisser li jkollha l-jedd li tiġbor ir-rikavat anke fuq in-nofs tas-sehem l-ieħor;*

*Għaldaqstant l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** *u l-***artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** *għandu jitqies bħala mhux mistħoqq;*

12. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-ilment marbut mal-***artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** *jingħad li dan kien ikun ġustifikat li kieku r-rikorrenti kellha l-jedd bil-liġi li tgħix ġewwa l-appartament. Iżda ladarba l-qrati tagħna ddeċidew li r-rikorrenti m'għandiex aktar il-jedd li tgħix fl-appartament inkwistjoni, allura kollu għalxejn li hija tinvoka dan l-artikolu tal-Konvenzjoni. Huwa sintomatiku li persuna ma tistax titlob ħarsien tal-***artikolu 8** *fuq ġid li dik il-persuna ma jkollhiex dritt ta' abitazzjoni fuqu;*

13. *Illi barra dan, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh li l-***artikolu 8** *mhuwiex jedd assolut iżda huwa soġġett għall-eċċezzjoni msemmija fl-***artikolu 8(2)** *li jagħti d-dritt lill-Qorti bħala awtorità pubblika li tindaħal f'dak il-jedd sabiex tipproteġi d-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Mhijiex*

*ir-rikorrenti biss li għandha drittijiet iżda anke l-intimata l-oħra Catherine Imperia Caruana;*

14. *Illi l-fatt li hemm kawża pendenti biex jitħassar l-aħħar testment ta' Paul Caruana huwa irrilevanti għaliex ir-realtà ġuridika attwali hija li r-rikorrenti m'għandhiex jedd ta' abitazzjoni fuq l-appartament għaliex hija tilfet dan id-dritt fil-proċeduri ta' firda personali;*

    *Barra minn dan, sallum ir-rikorrenti mhijiex l-uniku sid ta' dan l-appartament. L-allegazzjoni tar-rikorrenti li hi l-unika sid tal-appartament minħabba li l-aħħar testment ta' żewġha huwa null għadha ma ġietx pruvata. Għalhekk sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja f'dan is-sens, hija ma tistax tgħid li hija s-sid waħdieni tal-appartament;*

15. *Illi f'dan l-isfond, ma jiswiex l-argument l-ieħor tar-rikorrenti li hi m'għandhiex post fejn toqqgħod jekk titkeċċa mid-dar. Wara kollox persuna li m'għandhiex jedd skont il-liġi biex tokkupa dar ma tistax tinqeda bl-**artikolu 8** sabiex tilleġittima l-okkupazzjoni tagħha.Għalhekk anke dan l-ilment kif mibni fuq l-**artikolu 8** mhuwiex ġustifikat;*

16. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-**artikolu 38 tal-Kostituzzjoni**, dan huwa għalkollox improponibbli għaliex skont l-**artikolu 38(2)(d) tal-Kostituzzjoni**, dan l-artikolu ma jistax jitqanqal f'każ li d-dħul f'xi post isir għall-fini ta' eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti, bħalma għandna f'dan il-każ;*

17. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, dan ukoll ma jistax jintlaqa' minħabba li sallum ħadd ma ħa s-sehem ta' nofs indiviż li r-rikorrenti għandha fl-appartament inkwistjoni;*

18. *Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrenti ma tistax tgħid li hija s-sid tan-nofs indiviż l-ieħor minħabba li sallum hijiex mhijiex meqjusa bil-liġi li hija l-werrieta ta' Paul Caruana. Għalhekk sakemm m'hemmx sentenza finali tal-qrati tagħna li tgħid li hi s-sid tan-nofs indiviż l-ieħor li kien jappartjeni lil Paul Caruana, ir-rikorrenti ma tistax tgħid li hi għandha xi possediment fuq dak in-nofs, b'dana għalhekk li l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ma jistax jiġi mqanqal għal dan in-nofs li mhux tagħha;*

19. *Illi naturalment jekk tirbaħ fil-proċeduri **Olena Volodymyrivna Caruana Verbystka vs. Catherine Imperia Caruana (Rik. Nru. 1064/2016 LM)**, ħadd ma hu ħa jippreġudikalha l-jedd tagħha fuq nofs is-sehem l-ieħor. Jekk*

*l-appartament jilħaq jinbiegħ, hija jkollha l-jedd li tiġbor mingħand Catherine Imperia Caruana l-valur ta' dak in-nofs li jkun inbiegħ;*

20. *Illi r-rikorrenti lanqas m'għandha raġun tilmenta li hi qegħda tiġi mfixkla fl-użu tal-appartament. Dan għaliex ma jirriżultax li llum ir-rikorrenti għandha l-jedd bil-liġi li tgħix ġol-appartament mertu ta' din il-kawża. Kemm hu hekk, b'sentenza tal-Qorti tal-Familja mogħtija fil-5 ta' Frar 2013, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju 2016), hi ġiet meqjusa responsabbli li farrket iż-żwieġ tagħha u għalhekk il-Qrati imponew fuqha s-sanzjonijiet imsemmija fl-**artikolu 48(1)(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, fosthom it-telf tal-jedd li tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali skont l-**artikolu 633 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

21. *Illi barra minn dan, il-fatt waħdu li hija sidt ta' nofs indiviż tal-appartament ma jagħtihiex il-jedd awtomatiku li tgħix fl-appartament bl-esklużjoni tas-sid tan-nofs l-ieħor. Dan għaliex skont l-**artikolu 491(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** komproprjetarju ma jistax jinqeda bil-ħaġa komuni kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom;*

22. *Illi l-argument li hi m'għandhiex post ieħor fejn togħqod ma huwa ta' ebda wens għaliha, mhux biss għaliex anke l-komproprjetarju l-ieħor għandu l-jedd li jgawdi minn ħwejġu, iżda anke għaliex kienet hi stess li bl-għemil abbużiv tagħha lejn żewġha ġiet li tilfet il-jedd li tgħix f'dan l-appartament;*

*B'żieda ma' dan, kif tajjeb irrimarkaw is-sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna, hi kapaċi taħdem. Għalhekk jekk hi m'għandhiex flus biex toqgħod x'imkien ieħor, kulma għandha tagħmel huwa li bħan-nies l-oħra tad-dinja tmur taħdem u taqla' l-flus u b'hekk ikollha biex tikri jew tixtri dar oħra. Għażla oħra li għandha f'idejha r-rikorrenti hu li tbiegħ sehma mill-appartament u mir-rikavat tkun tista' tfittex band'oħra fejn toqgħod;*

23. *Illi fl-aħħarnett l-ilment tar-rikorrenti kontra s-sentenzi tal-qrati li ordnaw il-bejgħ tal-appartament u l-ilment kontra l-ordni tal-mandat ta' żgumbrament huma manifestament mingħajr bażi. Ir-rikorrenti ma tistax targumenta li dawn id-deċiżjonijiet huma sproporzjonati meta wieħed iqis li dawn ittieħdu f'qafas ta' proċeduri ġudizzjarji fejn ir-rikorrenti ngħatat id-dritt li tressaq il-provi kollha li xtaqet u li tressaq is-sottomissjonijiet kollha li dehrulha xierqa.*

*Għaldaqstant r-rikorrenti ma tistax tilmenta b'suċċess li ġie mkasbar lilha l-jedd tat-tgawdija ta' ħwejjiġha, taħt l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**;*

24. *Illi bla ħsara għal dak kollu li ngħad hawn fuq, safejn ir-rikorrenti tilmenta minn ksur tal-**artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**, dan l-ilment ma jinsabx imfisser. Barra minn hekk ma jirriżultax li l-Istat Malti qed jonqos mid-dmirijiet tiegħu taħt il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea fejn għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni soċali;*

25. *Illi f'kull każ ir-rikorrenti trid tipprova li hija tabilħaqq m'għandhiex post fejn toqgħod u li talba tagħha għall-akkomodazzjoni soċjali ġiet miċħuda;*

26. *Illi l-esponent jagħlaq billi jtenni li la m'hemmx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali allura l-ebda rimedju m'għandu jingħata lir-rikorrenti. Imma anke kieku stess, fiż-żgur it-talba tar-rikorrenti biex l-appartament ink-wistjoni ma jinbiegħx ma tistax issib f'postha f'din il-kawża minħabba li mhuwiex l-irwol tal-qrati b'setgħat kostituzzjonali li jistabilixxu kwistjoni-jiet marbuta ma' jeddijiet reali fuq proprjetà. Dan għaliex il-jedd ta' ab-itazzjoni ma jistax jinħoloq b'azzjoni kostituzzjonali;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha u peress li fil-fehma umli tal-esponent l-ilmenti mqanqla mir-rikorrenti huma ta' natura sempliċement frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex tapplika dak li hemm imniżżel fl-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** u fl-**artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Rat lil kjamata n kawża Catherine Imperia Caruana nonostante li pparteċipat f'din il-kawża b'risposti oħra u kienet ben konxa mill-andament tagħha meta tidher li ma kienetx debitament notifikata bir-rikors promotur, imma saħansitra presentat nota ta' sottomissjonijiet, naqset li tirrispondi għar-rikors promutur. _

Ikkunsidrat

**Eċċezzjonijiet preliminari**

**1. L-ewwel Eċċezzjoni.**

Fl-ewwel lok għandu jiġi rilevat li l-ewwel eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali ġiet sorvolat b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta[3] li laqgħat it-talba ai termini ta' l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bagħtet din il-kawża biex tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta in vista li kienet ġia adita bil-kawża 97/2027 li essenzjalment titratta l-istess mertu bħal dik tal-lum.

**Konsegwentement din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess eċċezzjoni.**

**2. It-tieni eċċezzjoni u t-tielet eċċezzjoni.**

It-tieni eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali tikkonċerna t-talba mressqa mir-rikorrenti relatata mad-drittijiet marbuta mal Karta ta' l-Unjoni Ewropeja Għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja ( il-Karta) . Fil-fatt jeċepixxi li sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jmiss l-artikoli 34 u 47 tal-Karta dawn huma inammissibbli u nulli ai terminu ta' l-artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex dan l-ilment ma ġiex mressaq f'rikors ġuramentat imma b'sempliċi rikors sempliċi.

L-argument issegwi minħabba l-fatt illi jiġi premess li mhux ġust li jiġu mqiegħda argumenti li mhux marbuta mal-Kostituzzzjoni u l-Kap 319 jew il-Konvenzjoni Ewropeja stante li dan mhux kopert bir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u L-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni).

Illi r-rikorrenti da parti tagħha tagħmel referenza għal ġurisprudenza in mertu biex issostni t-talba fir-rigward.

[3] 29/03/2019 folio 132.

**3.** F'dan ir-rispett din il-Qorti kif mhux marbuta mal kunċett ta' *stare decisis* tagħmel referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward, dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet:- **Joseph Zammit vs L-Avukat ta' L-Istat et.**[4]

*"24. Ir-rikorrent jgħid ukoll li fil-każ odjern ġew miksura l-jeddijiet fundamentali tiegħu abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [hawnhekk 'il-Karta'], li jgħid li s severità tal-piena trid tkun proporzjonata għar-reat. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-jeddijiet fundamentali mħarsa u protetti taħt il-Karta m'għandhomx applikazzjoni fis-sistema tagħna. Dan mhux korrett, u hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet* ***Raymond Caruana vs. Avukat Ġenerali****:*[5]

> *"Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent illi l-imsemmija Karta llum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija u li l-Qrati Maltin iridu jqisu u jħaddnu bħalma jħaddnu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett.*
>
> *Illi għalkemm ir-rikorrent jirreferi għal 'ċertu provvediment li jinsab fiċ-Charter' jidher li qiegħed jirreferi għall-Artikolu 49 tagħha, li jitkellem dwar prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' Reati u Pieni. B'mod partikolari ssir referenza għad-dispożizzjoni tas-subartikolu 3 tal-imsemmi*

[4] Rikors P.A Sede Kostituzzjonali Nru. 392/2022LM 6 ta' Diċembru, 2023

[5] App. Nru. 30352/03, 06.04.2009.

*artikolu li jgħid li l-ħruxija tal-pwieni ma tridx tkun sproporzjonata mar-reati li għalihom tapplika.*

*Illi l-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-rikors promutur huwa sewwasew dak li l-piena ta' detenzjoni li għaliha hu suġġett hija ħarxa żżejjed meta mqabbla mal-għamla ta' reat li għalih kien instab ħati.*

*Iżda, kif sewwasew issottometta l-intimat, it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Karta jipprovdi li "(1) Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-Korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri ukoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati."*

*Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent fil-kawża tallum jissejjes fuq it-tħaddim ta' uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. Imkien ma jallega u imkien ma jidher li sejjes dak l-ilment fuq it-tħaddim ta' "liġi tal-Unjoni". Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li għandha tistħarreġ lilment tar-rikorrent ukoll fil-qafas tal-provvedimenti msemmija ta' dik il-Karta."*

*25. Il-Qorti għalhekk sejra tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mill-intimati, li r-rikorrenti ma jistax jinvoka l-ħarsien tal-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea għaliex din tapplika biss meta l-ilment ikun dwar it-tħaddim ta'*

*liġi tal-Unjoni u mhux ukoll dwar it-tħaddim ta' liġi nazzjonali kif inhu l-każ odjern. "*

**Il-Qorti tagħmel tagħha dana l-argument, u tapplikah *in toto* għat-talbiet mressqa f'dan ir-rikors sa fejn jirrigwardaw il-Karta.**

**4.** Ukoll dwar fejn il-Karta tista' tiġi applikata insibu dan fin-notamenti bl-isem **European Journel For Social Security; Does the Charter of Fundamental Rights Have Added Value For Social Security**[6] **:-**

*"Member States*

*The Charter is also addressed to the EU Member States, but only 'when they are implementing Union law'. According to the explanatory memorandum to the Charter, the term 'implementation' should be understood broadly*[7] *and this interpretation is followed by the Court of Justice.*[8] *According to this broad interpretation, the Charter provisions apply to Member States when they 'act within the scope of Union law'.*

*They 'act within the scope of EU law' when implementing EU law, such as a Directive, in national law. In the broader interpretation this is also the case when certain national measures, decisions or acts fall within the scope of EU law. An example from the case law is the YS judgment,*[9] *concerning a pension scheme of a public undertaking that made a distinction on the basis of age (see Section 5).*[10] *Age discrimination in working conditions falls within the scope of Directive 2000/78, and as a result the issue is within the scope of EU law, even though the undertaking concerned did not implement EU law, but, on the contrary, allegedly*

---

[6] Vol 24 Issue 2

*infringed it. Also, a rule or act that can be seen as recognition of an EU law instrument or Treaty provision is considered as implementation of EU law.*[11] *As a result of this broad interpretation, the Charter can be applicable in quite a broad range of cases. Some examples of this application are given in Sections 4 and 5.*

*Even though the term 'implementation of EU law' has a broad interpretation, an important condition has to be satisfied before a particular act or rule can be considered as such implementation: there has to be a direct link between the rules of EU law that are invoked as part of the argument that EU law is being implemented on the one hand, and the national measure that is challenged, on the other. That link must go beyond the fact that the matters in question are related to each other or that one matter has indirect influence on the other.*

*In the Hernández judgment*[12] *the Court held that the mere fact that a national measure falls within an area in which the European Union has powers cannot bring that measure within the scope of EU law and therefore lead to the application of the Charter. For the latter's applicability it is required that the EU provision at stake imposes direct obligations on Member States. This requirement therefore asks for a precise analysis of the dispute."*

Ġia mill-qari ta' dan il-bran huwa ċar li hawn mhux qed tiġi applikat jew invokata xi liġi tal-Unjoni Ewropeja li tinponi fuq l-Istat Membru 'l hekk imsejjħa'direct obbligation" li dik il-liġi tiġi applikata bħal implementazzjoni ta xi direttiva tal-Unjoni. Dan ċertament mhux il-kaz in eżami, għalhekk finche' it-talbiet tistrieħu fuq l-applikabilta' tal-Karta dawn ma jistawx jirnexxu.

**5.** Fil-konfront tal-Karta u kif tiġi nvokata fl-ordinament ġuridiku lokali l-Avukat ta' l-Istat għandu raġun anke sa fejn jirrigwarda l-lat li jolqot il-punt

proċedurali. Igħid sew li sa fejn jmiss talbiet marbuta ma l-implimentazzjoni tal-Karta dan ma jistax jitressaq b'sempliċi rikors għax dan hu mogħti biss lil lanjanzi Kostituzzjonali u Konvenzjonali bis-saħħa tar-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09(Regoli dwar il-Prattika u l-Pro`edura tal-Qrati u l-Bon Ordni)'[7]

**Konsegwentement sa fejn jirrigwarda t-tieni u t-tielet eċċezzjoni mressqa l-intimat Avukat Ġenerali għandu raġun.**

6. **Tant ieħor huwa sew fejn jolqot dak mressaq mill-Avukat Ġenerali mir-4 sal 11 il-paragrafu tar-risposta tiegħu**.

Kull ilment lir-rikorrenti tagħmel dwar qerq, xhieda falza fil-konfront ta' evidenza mressqa f''kawza ma jmiss jew jolqot xi dritt fundamentali tagħha. Tal-ilment seta' faċilment jiġi ventilat billi hi tressaq d-debita ritrattazzjoni u mhux tuża kawża ta' indolu kostituzzjonali biex tirrivedi ġudizzju ta' Qrati ta' kompetenza ordinarja. Ta' spiss u sikwit, **u dan jidher li hi strateġija użata minn ftit b'mod sistematiku u ma jwassal għal xejn ħlief għal spejjeż żejda mposti fuq il-parti**, dawn il-Qrati jintużaw, b'mod erroneju għal aħħar biex jservu ta' Qorti ta' reviżjoni, kompetenza din li ma taqax fil-mansjoni tagħhom.

Tara fil-fatt lil provi li ġew mressqa huma tali li din il-Qorti qed tiġi mistiedna xejn anqas biex tagħmel rivalutazzjoni ta' dak ġia kkunsidrat u llum għadda n ġudikat u jolqot biss vertenza ta' natura Ċivili. Stranament gġalkemm il-Qorti ġiet mistiedna tagħmel valutazzjoni ta' varji leżjonijiet allegati, l-provi skarsi mressqa xejn ma jirriflettu dan.

[7] Artikolu 164 tal-kap 12.

7. Minn naħa l-oħra għal dak lil Qorti kellha xi tgħid sa fejn jirrigwarda lanjanzi marbuta ma l-artikolu 6, l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ukoll l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, n vista ta' dak ġia espost fil-konfront tal-konnessjoni ta' kawżi u dak appena deċiż fil-kawża bin-numru 97/2017MH, a skans ta' ripetizzjoni tagħmel ampja referenza għall-istess u tiċħad kull talba mressqa fir-rigward.

8. **L-artikolu 38 tal-Kostutuzzjoni**.

Marbut mat-talba ai termini tal-l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, din id-darba ir-rikorrenti tressaq ukoll għal kunsiderazzjoni tal-Qorti allegata vjolazzjoni ai termini ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni. L-imsemmi jipproteggi d-dritt tal-protezzjoni tal-intimita' tad-dar jew propjeta' oħra kif indikat fin-noti marginali ta' l-istess.

Dan l-artikolu għalhekk jipprojbixxi , ħfief bil-kunsens tal-propjetarju jew dak li jgawdi pussess ta' propjeta', l-assoġġettazzjni għat-tfittix fuq il-persuna jew propjeta' tal-imsemmi, jew ta' dħul minn oħrajn tal-post tiegħu. Però għal din ir-regola ġenerali hemm l-eċċezzjonijiet maħsuba fis- sub inċiż 2 ta' l-istess artikolu, u ta' interess għalina dak misjub fil-paragrafu 'd' ta' l-istess–***"..li jawtorizza għal fini ta' esekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti , it-tfittix ta' xi persuna jew propjeta' b'ordni ta' qorti jew dħul f'xi post b'ordni bħal dak, ...."***

Fil-fatt kont l-artikolu 38(2)(d) tal-Kostituzzjoni, dan il-jedd ma jistax jiġi invokat biex iwaqqa' jew iżomm l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordnijiet ta' qrati. Barra hekk, skont l-artikolu 38(2)(b) tal-Kostituzzjoni l-istess artikolu ma jistax jiġi

lanqas imqanqal biex iżomm jew ixekkel id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra, f'dan il-każ il-jeddijiet ta' Catherine Imperia Caruana għat-tgawdija ta' gidha provenjenti minn testament li sal lum għadu validu u applikabbli.

Mhux kontestat li l-iżgumbrament li huwa is-sors ta' l-ilmenti prinċipali mressqa mir-rikorrenti huwa wieħed li hu msaħħaħ b'sentenza ta' Qorti. Sentenza li llum għaddiet in ġudikat u ma tistax tinbidel kif qed tippretendi r-rikorrenti anke għax kull ksur minnha llmentat ma jafx mis-sewwa.

**Konsegwentement it-talba tagħha mressqa ai terminu ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ukoll ma tistax tintleqa'**

**9.** L-Avukat Ġenerali għar-ragunijiet marbuta mar rimedju ordinarju, jitlob fl-għeluq tar-risposta tiegħu li din il-Qorti tapplika il-vot ta' l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319.

F'dan ir-rigward il-Qorti terga tagħmel referenza għal dak li ġia ntqal fil-kawża ma din konnessa, u dak appena espost, u terġa żżid li nonostante li verament ir-rikorrenti kienet tkun legalment korretta kieku utilizat il-mandat ta' inibizzjoni u fil-konfront tal-qerq u xhieda falza minnha allegat, l-istitut ta' ritrattazzjoni, dawn per se ma kienux se jservuha biex isir eżami fil-konfront ta' dak minnha avvanzat ta' kif l-iżgumbrament jista jolqot ċertu drittijiet fundamentali tagħha. Għalhekk, għalkemm il-Qorti xorta tibqa' tal-fehma lir-raguni prinċipali li xprunat din il-kawża kienet biex b'xi mod tiġi stulifikata l-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' l-Appell u l-konsegwenti mandat ta' żgumbrament, din il-Qorti kif sar għażlet li tagħmel

l-eżami mill-lat kostituzzjonali u konvenzjonali biċ-ċaħda tat-talba a kontrarju ta' dak espress mill-Avukat Ġenerali.

Għalhekk intqal fir-rigward fid-deċijoni fl-ismijiet **Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et.**[8] illi:

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"** deċiża fid-9 ta' Novembru 2012…."*

**10.** Detto ċioe tibqa' dejjem f'idejn il-Qorti adita d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – **tagħżel HI** jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra

[8] Deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010

ta' rimedju ordinarju disponibbli, tant li ngħad ukoll fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[9] li :

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*"

**Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet kollha taqta' u tiddeċiedi li għalkemm kif jidher ċar mill-eżerċizzju li għamlet il-Qorti li hi tiċħad l-istedina ta' l-Avukat Ġenerali ai terminu ta' l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikoliu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' kull eċċezzjoni oħra minnu mressqa, għajr għal ewwel waħda kif ġia provdut, u tiċħad kull talba mressqa mir-rikorrenti bl-ispejjeż għaliha.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep.Reg**

---

[9] Rik 40/10